MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1177/2002

**Paul, Sister Frances, Grace mart George Micallef, Emanuel, John, Maria mart Anthony Vella u George ahwa Buttigieg u b'digriet ta' l-4 ta' April 2006 giet ordnata t-trasfuzjoni tal-gudizzju ta' Paul Buttigieg li miet fil-mori tal-kawza f'isem Romina, Graziella, Roseanne, Paul u Mark, ilkoll ahwa Buttigieg u Maria Buttigieg.**

**vs.**

**Angelo u Raymond ahwa Buttigieg u Louise Buttigieg bhala kuratrici ta' uliedha minuri Davinia u Kirsten ahwa Buttigieg.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata l-22 ta' Ottubru 2002 a fol.1 tal-process u pprezentata quddiem il-Qorti kif diversament

presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef fejn gie premess:-

Illi l-konjugi Joseph u Rosa Buttigieg mietu rispettivament fil-31 ta’ Dicembru 1988 u fis-16 ta’ Settembru 2001;

Illi s-successjoni ta’ Joseph Buttigieg hija regolata bit-testment *unicas charta* li sar flimkien ma’ martu pubblikat minn Nutar Carmelo Lia fl-20 ta’ Ottubru 1978 li permezz tieghu uliedhom kollha thallew werrieta universali.

Illi l-imsemmija Rosa Buttigieg ghamlet testment iehor ippubblikat minn Nutar Joseph Lia fit-30 ta’ Settembru 1994 li fih xi legati u istwixxiet bhala eredi lill-uliedha hlief lil bintha Doris Fava li giet imhollija barra *stante* li nghatat donazzjoni; illi binhom Joseph Buttigieg miet warajhom u wirtuh iz-zewgt uliedu minuri rappresentati minn ommhom Louise armla ta’ l-istess Joseph Buttigieg bhala kuratrici taghhom;

Illi tnejn mill-werrieta cioe’ Doris Fava u Concetta Mifsud irrinunzjaw ghal sehmhom mill-wirt imsemmi.

Ili l-partijiet ma jistghux jaqblu li jaqsmu bonarjament il-beni appartenenti l-eredita’ tal-genituri taghhom fuq imsemmija;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-imsemmija konjugi Joseph u Rosina Buttigieg u taqsamhom f’zewg porzjonijiet;

2. Tordna li l-porzjoni appartenenti lil Joseph Buttigieg tinqasam ugwalment f’ghaxar porzjonijiet ugwalment bejn il-kontendenti *eccetto* l-konvenuti minuri wlied Joseph Buttigieg li jaqsmu s-sehem wiehed minn ghaxra li kien ta’ missierhom.

3. Tordna li jsiru l-immissjonijiet fil-pussess tal-legati kollha imhollija mill-mejta konjugi Buttigieg.

4. Tordna li salv il-pagamenti tal-legati imhollija u l-imissjoni fil-pussess taghhom il-porzjoni appartenenti lill-mejta Rosina Buttigieg tigi wkoll diviza f'ghaxar porzjonijiet ugwali bejn il-kontendenti, izda bil-konvenuti minuri dejjem jigu assenjati sehem missierhom decedut.

5. F'kaz li l-proprjetajiet ma jistghux jigu divizi komodament tordna l-bejgh taghhom permezz ta' licitazzjoni bil-partecipazzjoni ta' oblaturi estranji.

5. Tappunta Nutar biex jippublika l-att opportun tad-divizzjoni u immissjoni fil-pussess u kuraturi biex jirraprezentaw il-kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez kontra il-konvenuti li gew mharrka ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Paul Buttigieg a fol.3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta' dokumenti esebiti u l-istess dokumenti a fol. 3 u 13 tal-process, tali dokumenti minn Dok. "A" sa Dok. "F".

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh nhar l-4 ta' Dicembru 2003 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef ghas-seduta tas-7 ta' Marzu 2003.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Raymond Buttigieg datata 8 ta' Jannar 2003 a fol.17 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi fl-ewwel lok, iridu jigu stabbiliti l-eredi tal-genituri tal-kontendenti ossia Joseph u Rosa Buttigieg.

2. Illi, fit-tieni lok, trid tigi stabbilita l-kwota ereditarja ta' kull eredi inkluz l-odjern kontendenti;

3. Illi, fit-tielet lok, l-atturi jridu jippruvaw il-kwota proprjetarja tal-assi taghhom indikati *stante* li in kwantu *si tratta* ta' akkwist ta' sehem indiviz ta' proprjeta' mhux

diviza derivanti minn wirt *ossia per* successjoni, kellu jsir l-akkwist ta’ l-kwota ereditarja u mhux tal-assi inkluzi f’dik il-kwota ereditarja.

4. Illi, fir-raba’ lok, trid tigi stabbilita l-attiv u passiv ta’ l-istess wirt tal-genituri konjugi Buttigieg.

5. Illi l-eccipjenti minghajr pregudizzju ghas-suespost ma jopponux ruhhom ghat-talbiet attrici, *purche’* kull parti tippercepixxi dak lilha spettanti.

6. Illi relattivament ghall-kap tal-ispejjez, dan ghandhu jigi unikament soffert mill-atturi *stante* li l-eccipjent qatt ma gie mitlub jersaq ghal divizzjoni bonarja.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol.19 u 20 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef datata 7 ta’ Marzu 2003.

Rat l-avviz tal-Qorti a fol. 22 tal-process fejn l-istess kawza giet assenjata sabiex tinstema’ minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph Azzopardi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Gunju 2003 u n-nota ta’ astensjoni ta’ l-Onorevoli Mhallef Joseph Azzopardi a fol. 23 tal-process.

Rat li l-istess kawza giet riappuntata minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datata 20 ta’ Gunju 2003 fejn il-kawza giet appuntata ghat-22 ta’ Ottubru 2003.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datati 22 ta’ Ottubru 2003, 21 ta’ Jannar 2004, 11 ta’ Frar 2004, 24 ta’ Marzu 2004, 7 ta’ Mejju 2004, 13 ta’ Ottubru 2004, 30 ta’ Novembru 2004, 8 ta’ Frar 2005 fejn il-kawza giet mibghuta *sine die,* tal-24 ta’ Mejju 2005 fejn gie nominat il-

Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti, 11 ta' Ottubru 2005 u 2 ta' Dicembru 2005.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Angelo u Louise Buttigieg datata 21 ta' Jannar 2004 a fol.31 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi huma ma jopponux ghad-divizjoni ta' l-assi ereditarji ta' Joseph u Rosina Buttigieg.

2. Bir-riserva espressa ta' eccezzjonijiet ulterjuri li jkunu ammessibbli skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti ndikati a fol.31 u 32 tal-process.

Rat ir-rikors ta' l-atturi datat 28 ta' April 2005 u d-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datat 29 ta' April 2005 fejn il-kawza giet riappuntata ghas-smiegh ghall-24 ta' Mejju 2005.

Rat il-prospett ta' l-atturi a fol. 40 tal-process.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku datat 28 ta' Novembru 2005 u mahluf fil-15 ta' Frar 2006 fejn fl-istess seduta ddikjara li l-istess proprjeta' mhux komodament divizibbli.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta tal-15 ta' Frar 2006 fejn deher il-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti li halef ir-rapport, tal-4 ta' Mejju 2006 u tal-5 ta' Ottubru 2006 fejn il-kawza giet mhollija ghas-sentenza ghas-7 ta' Novembru 2006.

Rat ir-rikors ta' l-atturi datat 29 ta' Marzu 2006 fejn talbu l-legitimazzjoni ta' l-atti stante l-mewt ta' l-attur Paul Buttigieg u dan f'isem uliedhu Graziella, Romina, Rosanne, Paul u Mark ahwa Buttigieg u d-digriet datat 4 ta' April 2006.

Rat ix-xhieda kollha prodotta u dik ta' George Buttigieg datata 4 ta' Mejju 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ta’ successjoni wara l-mewt tal-konjugi Joseph u Rosa Buttigieg li mietu rispettivament fil-31 ta’ Dicembru 1988 (Dok. “A”) u 16 ta’ Settembru 2001 (Dok. “B”) u fejn l-atturi qed jitolbu l-likwidazzjoni, u divizzjoni ta’ l-istess assi ereditarji ta’ l-istess bejn il-kontendenti u okkorrendo l-licitazzjoni ta’ l-istess assi fl-eventwalita’ li l-istess assi ereditarji mhux komodament divizzibbli, apparti l-immissjoni fil-pussess tal-legali ndikati fl-atti tac-citazzjoni u t-testmenti esebiti.

Illi l-istess konjugi Joseph u Rosa Buttigieg ghamlu testment *unica charta* datat 20 ta’ Ottubru 1978 fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia fejn hallew bhala eredi lill-uliedhom hemm indikati Paul, Angelo, Francesca (soru), Grace mart George Micallef, Emanuel, Doris mart Grazio Fava, Concetta mart Joseph Mifsud, John, Mary mart Anthony Vella, Raymond, George u Joseph ahwa Buttigieg (Dok. “C”).

Illi t-testatrici Rosina Buttigieg ghamlet testment iehor datat 30 ta’ Settembru 1994 fl-atti tan-Nutar Joseph Lia fejn halliet bhala eredi taghha l-istess indikati uliedha Paul, Angelo, Frances xebba, Grace mart George Micallef, Emanuel, Doris mart Grazio Fava, Concetta mart Joseph Mifsud, John, Maria mart Anthony Vella, Raymond, George u Joseph ahwa Buttigieg (Dok. “C”).

Illi Doris mart Grazio Fava u Concetta mart Joseph Mifsud irrinunzjaw ghall-wirt tal-genituri taghha b’noti fis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili rispettivament datati 22 ta’ Ottubru 2002 (Dok. “E” u Dok. “F”) b’dan li accettaw il-legati imhollija rispettivament lilhom.

Illi fil-fatt it-testatrici Rosina Buttigieg fit-testment taghha datat 30 ta’ Settembru 1994, fl-atti tan-Nutar Joseph Lia,

halliet bhala legat lil Mary Grace Fava bint bintha Doris Fava:- funtana u magna tal-hjata singer, u lil bintha Concetta mart Joseph Mifsud:- il-*grandfather's clock* u l-fajjenza li ghandha fid-dar residenzjali numru 7, Triq il-Kbira, Zabbar.

Illi jidher li binhom Joseph Buttigieg miet wara l-genituri tieghu u l-eredi tieghu huma wliedu l-konvenuti l-minuri Davina u Kirsten Buttigieg, u fil-mori tal-kawza miet l-attur Paul Buttigieg u halla bhala eredi tieghu lill-uliedu Romina, Graziella, Roseanne, Paul u Mark u b'legat ta' uzu u ta' uzufrutt ta
l-assi tieghu lil martu Maria Buttigieg nee' Schembri u dan skond testment datat 11 ta' Marzu 1999 fl-atti tan-Nutar Dr. William Azzopardi (Dok. "E"). Dwar dan hemm esebit ukoll certifikat tal-mewt ta' Paul Buttigieg (fol.62), u dokumenti ohra minn fol. 63 sa fol. 65 tal-process.

Illi apparti l-legati, bhala assi ereditarji hemm il-fondi 7, Triq il-Kbira Zabbar, li gie stmat li jiswa Lm70,000, u l-*garage*, St. Joseph, St. Anthony Street, Zabbar, li gie valutat mill-istess Perit Tekniku li jiswa vakanti Lm90,000, u jekk mikri b'Lm100 fis-sena fl-ammont ta' Lm50,000. Prova ta' tali kirja ma tezistix fil-process, u ghalhekk tali fondi ghandhom jinbieghu b'licitazzjoni bil-pussess vakanti u dan anke peress li gie ddikjarat mill-istess perit tekniku li tali fondi ma humiex komodament divizzibbli.

Illi b'hekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha biss fis-sens li ser jinghad hawn, b'dan li l-komunjoni ta' l-akkwisti tal-konjugi Joseph u Rosina Buttigieg tigi ddikjarata li tikkonsisti fl-istess imsemmija immobbli hawn indikati, u kemm ir-ragel u kemm il-mara kellhom nofs indiviz mill-istess; li mhux possibbli li l-istess assi ereditarji ta' Joseph Buttigieg ghandu jigi diviz f'ghaxar porzjonijiet bejn il-kontendenti *eccetto* li l-konvenuti minuri wlied Joseph Buttigieg jaqsmu s-sehem ta' wiehed minn ghaxra li kien ta' missierhom, u l-istess jigri fis-sehem ta' Paul Buttigieg li jinqasam bejn uliedu ndikati suggett ghal-legat ta' uzu u uzufrutt favur martu Maria Buttigieg, izda dan ma jistax isehh ghaliex l-istess proprjeta' ma hijiex komodament divizibbli u l-istess jigri f'dak li huwa l-assi ereditarji tal-

mejta Rosina Buttigieg, b'dan li *in vista* tal-hames talba peress li l-fondi 7, Triq il-Kbira Zabbar, u l-*garage*, St. Joseph, St. Anthony Street, Zabbar ma humiex komodament divizzibbli f'ghaxar porzjonijiet, din il-hames talba qed tigi milqugha b'dan li r-rikavat jinqasam b'ghaxar porzjonijiet b'sehem kull wiehed lil Paul Buttigieg, Frances Buttigieg, Grace mart George Micallef, Emanuel Buttigieg, John Buttigieg, Maria mart Anthony Vella, Angelo Buttigieg, Raymond Buttigieg, u sehem ta' wiehed minn ghaxra bejn Davinia u Kirsten ahwa Buttigieg ulied il-mejjet Joseph Buttigieg, u sehem ta' wiehed minn ghaxra bejn Romina, Graziella, Roseanne, Paul u Mark ahwa Buttigieg ulied il-mejjet Paul Buttigieg, dan l-ahhar sehem suggett ghall-legat ta' uzu u uzufrutt ta' Maria Buttigieg armla ta' Paul Buttigieg.

Illi dwar it-tielet talba ghandha ssir l-immissjoni tal-pussess tal-legati ndikati mit-testattrici Rosina Buttigieg fit-testment taghha datat 30 ta' Settembru 1994 fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia fejn halliet bhala legat lil Mary Grace Fava bint bintha Doris Fava:- funtana u magna tal-hjata singer u lil bintha Concetta mart Joseph Mifsud:- il-*grandfather's clock* u l-fajjenza li ghandha fid-dar residenzjali numru 7, Triq il-Kbira, Zabbar.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-.

1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-imsemmija konjugi Joseph u Rosina Buttigieg b'dan li jigi ddikjarat li tikkonsisti fl-istess imsemmija immobbli l-fondi 7, Triq il-Kbira Zabbar, u l-*garage*, St. Joseph, St. Anthony Street, Zabbar bil-pussess liberu u frank taghhom u kemm ir-ragel u kemm il-mara kellhom nofs indiviz mill-istess;

2. Tiddikjara li l-porzjoni appartenenti lil Joseph Buttigieg hija llum appartenenti lill-kontendenti b'dan li trid tinqasam ugwalment f'ghaxar porzjonijiet bejn il-kontendenti *eccetto* l-konvenuti minuri ulied Joseph Buttigieg li jaqsmu s-sehem wiehed minn ghaxra li kien ta' missierhom u wkoll *eccetto* sehem ta' wiehed minn ghaxra iehor li ghandu jinqasam bejn Romina, Graziella, Roseanne, Paul u Mark ahwa Buttigieg ulied il-mejjet Paul Buttigieg, li miet fil-mori tal-kawza, b'dan li l-ahhar sehem hawn imsemmi huwa suggett ghall-legat ta' uzu w uzufrutt ta' Maria Buttigieg armla ta' Paul Buttigieg, b'dan pero' li jigi ddikjarat li l-istess immobbli u s-sehem indiviz mill-istess mhux komodament divizzibbli f'dawn il-porzjonijiet u ghalhekk din il-Qorti ser tipprovdi ghall-bejgh b'licitazzjoni abbazi tal-hames talba attrici.

3. Tordna li jsiru l-immissjonijiet fil-pussess tal-legati kollha imhollija mill-mejta konjugi Buttigieg u dan konsistenti f'legat lil Mary Grace Fava bint bintha Doris Fava ta' funtana u magna tal-hjata *singer* u lil bintha Concetta mart Joseph Mifsud il-*grandfather's clock* u l-fajjenza li l-mejta Rosa Buttigieg kellha fid-dar residenzjali numru 7, Triq il-Kbira, Zabbar.

4. Tordna li salv il-pagamenti tal-legati imhollija u l-immissjoni fil-pussess taghhom il-porzjoni appartenenti lill-mejta Rosina Buttigieg tigi wkoll diviza f'ghaxar porzjonijiet ugwali bejn il-kontendenti, *eccetto* l-konvenuti minuri ulied

Joseph Buttigieg li jaqsmu s-sehem wiehed minn ghaxra li kien ta' missierhom u wkoll *eccetto* sehem ta' wiehed minn ghaxra iehor li ghandu jinqasam bejn Romina, Graziella, Roseanne, Paul u Mark ahwa Buttigieg ulied il-mejjet Paul Buttigieg, li miet fil-mori tal-kawza, b'dan li l-ahhar sehem hawn imsemmi huwa suggett ghall-legat ta' uzu w uzufrutt ta' Maria Buttigieg armla ta' Paul Buttigieg, b'dan pero' li jigi ddikjarat li l-istess immobbli u s-sehem indiviz mill-istess mhux komodament divizzibbli f'dawn il-porzjonijiet u ghalhekk din il-Qorti ser tipprovdi ghall-bejgh b'licitazzjoni abbazi tal-hames talba attrici.

5. Peress li kif inghad l-proprjetajiet indikati konsistenti fil-l-fondi 7, Triq il-Kbira Zabbar, u l-*garage*, St. Joseph, St. Anthony Street, Zabbar, bil-pussess vakanti taghhom ma jistghux jigu divizi komodament, tordna l-bejgh taghhom permezz ta' licitazzjoni bil-partecipazzjoni ta' oblaturi estranji, b'dan li r-rikavat ta' l-istess jigi diviz fil-porzjonijiet indikati abbazi tat-tieni u r-raba' talba attrici.

6. Tappunta n-Nutar Joseph Lia biex jippubblika l-att opportun ghall-immissjoni fil-pussess u tinnomina bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw il-kontumaci fuq l-istess att lil Dr. Francesco Depasquale.

Bl-ispejjez jinqassmu bejn il-partijiet skond il-porzjoni taghhom rispettiva spettanti lilhom indikata f'din id-decizjoni.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------